# Il-Ħuttafa

numru 96

Jannar - Frar 2010




Qabru

il-magażin ta' Klabb Ħuttaf



Sieq il-Ħamiema
fjura komuni tax-xagħri
ritratt ta' Desirée Falzon

# Ħej Ħuttaf!

Ma tantx inħobb nuża kliem twil imma did-darba ħa nuża waħda, ta! Mhux biex nurikom kemm jien bravu, imma għax irridkom titgħallmuha. Din hija l-kelma **biodiversità**. Kultant insemmuha f'*Il-Ħuttafa*, imma dis-sena naħseb ħa nsemmuha iktar mis-soltu. Għaliex?

Ħeqq, għax is-sena 2010 hija s-**Sena Internazzjonali tal-Biodiversità**. U min iħobb jitgħallem fuq in-natura dil-kelma ħa jiltaqa' magħha żgur. Allura x'taħbat?

Il-kelma biodiversità ġejja minn żewġ kelmiet: *bios* li tfisser ħajja, u *diversità* li tfisser varjetà. Mela biodiversità tfisser varjetà ta' ħajja. Għalhekk meta ngħidu li foresta tropikali fiha iktar biodiversità minn deżert jiġifieri fiha jgħixu iktar tipi ta' annimali u pjanti milli jgħixu f'deżert.

Il-biodiversità tiddependi mill-ambjent. Mhux l-ambjenti kollha huma faċli biex tgħix fihom. Id-deżert, per eżempju, huwa nieqes mill-ilma u ftit annimali u pjanti tgħallmu jgħixu fih. F'Malta, l-ambjent tax-**xagħri** fih ħafna iktar biodiversità mill-ambjent li ngħidulu **steppa**. B'daqshekk xorta l-isteppa hija ambjenti importanti. Anke postijiet bi ftit natura rridu xorta nieħdu ħsiebhom għax kull ambjent huwa speċjali.

Għas-Sena Internazzjonali tal-Biodiversità tajjeb nagħmlu xi ħaġa speċjali biex ngħinu l-biodiversità. Imma l-ewwel tajjeb nitgħallmu ftit. Mela ħowmwerk: fittxu xi kemm jeżistu speċi ta' **mammiferi**, **rettili**, **għasafar**, **ħut** u **amfibji** fid-**dinja**. Imbagħad aħdmu dil-kaxxa...




L-Internet għandu jgħinkom ħafna. Ċaw ċaw, u qisu li narawkom għall-Mixja Maratona ta' Marzu (paġna 8)!




Victor

Victor Falzon l-editur

mal-faċċata



**Il-Qabru** (Freshwater Crab *Potamon fluviatile*) huwa rari ħafna f'Malta. Ir-raġuni hi li f'pajjiżna ftit għandna postijiet bl-ambjent li jħobb dan l-annimal. Il-Qabru mhuwiex granċ tal-baħar imma tal-ilma ħelu u ġieri.
Ritratt ta' Guido Bonett.

## X'għandna?

| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Mid-Dinja | 4 |
| X'nista' nara? | 5 |
| Spring watch | 5 |
| Roost Count | 6 |
| Likeni | 7 |
| Attività | 8 |
| Rapport | 8 |
| Ambjenti | 9 |
| Nilagħbu tikka | 10 |
| Gallerija | 10 |
| Messaġġ bil-Kulur Aħdar | 11 |

## il-kumitat

Kathleen Mamo (kap) • Jason Aloisio • Matthew Borg Cardona • Desirée Falzon • Victor Falzon

## il-kuntatt

indirizz
**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
tel **21347644 / 21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin
**il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**

## il-klabb

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18-il sena. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, mixjiet, ħarġġiet bil-lanċa, u nagħmlu wkoll xogħol ambjentali. Kull xaharejn noħorġu wkoll il-magażin Il-Ħuttafa li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. Bħalissa fil-Klabb qegħdin xi 1100 membru. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija €7 fis-sena.

BirdLife MALTA

©BirdLife Malta, Frar 2010
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop

# Tgħallimna sigriet!




John J Borg

Iċ-**Ċiefa** hija tajra tal-baħar qisha gawwija griża. Dawk minnkom li ġejtu ħarġiet tal-Klabb bil-lanċa żgur rajtu skoss minnhom! Iċ-Ċief ibejjet Malta imma ma jgħixx hawn is-sena kollha. Fil-ħarifa jitlaq idur l-ibħra 'l bogħod minn pajjiżna. Aħna minn dejjem konna kurjużi biex nitgħallmu fejn eżattament imur iċ-Ċief meta jitlaq minn Malta. Għalhekk ftit xhur ilu studjużi tal-BirdLife waħħlu apparat żgħir ma' dahar tliet ċifiet ftit qabel ma dawn l-għasafar siefru minn Malta. Dan l-apparat jibgħat sinjal li taqbdu s-satellita u b'hekk inkunu nafu eżatt fejn ikun qiegħed l-għasfur. Bis-saħħa ta' din it-teknoloġija l-BirdLife segwiet liċ-Ċief, li t-tlieta ġibdu lejn il-punent. Waħda minnhom għaddiet minn Ġibilterra, ħarġet mill-Mediterran, niżlet max-xatt tal-Afrika u baqgħet sejra sas-Senegal, minn fejn bagħtet l-aħħar sinjal. Tal-ġenn, eh! **Vjaġġ ta' 4500km!** U aħna ngorru biex nimxu s'għand tal-growser!

# Sebat elef u sitt mitt Zakak!

Aron Tanti



F'Jannar saret is-soltu *roost count* taz-**Zakak Abjad** (White Wagtail). Dil-ħaġa ssir kull sena u dis-sena kellna ċensiment tajjeb bħas-sena l-oħra. F'temp ta' tliet kwarti ta' siegħa l-berdwoċers għaddew b'kollox **7600 zakak**. Dan huwa tikka inqas mit-total tas-sena l-oħra (7761), li kien numru rekord. Għalhekk nistgħu ngħidu li l-popolazzjoni taz-Zakak Abjad f'Malta dis-sena baqgħet stabbli. Grazzi lil seħibna Denis Cachia li bħas-soltu organizza din l-attività.









# Il-ĠGANTI għandhom problema!

Max-xatt tal-punent tal-iStati Uniti jikbru s-**Sekwoja**, l-itwal siġar tad-dinja. Is-Sekwoja jitwalu sa 115m, u huma wkoll fost l-ixjeħ siġar tad-dinja: hemm minnhom kienu diġà xjuħ meta twieled Kristu... u għadhom ħajjin! Issa x-xjenzati qed jinkwetaw għax fejn jgħixu s-Sekwoja naqas ħafna ċ-ċpar li s-soltu jagħmel f'dawk l-inħawi. Dan iċ-ċpar huwa importanti għax iżomm l-arja umda u perfetta għas-Sekwoja. Minħabba t-taqlib fil-klima, hemm ċans li dawn il-ġganti jibdew imutu.




**1411**! Daqshekk jistmaw li fadal **tigri** fid-dinja, u kull sena dejjem jonqsu. Avolja hija annimal tant famuż u sabiħ, it-tigra xorta qed tispiċċa mid-dinja. Il-ġungli u l-foresti li tgħix fihom qed ikomplu jinqerdulha, u hemm ukoll il-problema tal-kaċċa. Il-kaċċaturi joqtlu t-tigri għax il-ġilda tagħhom tiswa ħafna flus, u għax iċ-Ċiniżi jemmnu li ħafna partijiet minn ġisimha huma mediċina. Skond il-kalendarju Ċiniż din hija s-Sena tat-Tigra, li tiġi kull 12-il sena. Min jaf sas-Sena tat-Tigra li jmiss (2022) ikunx baqa' tigri fid-dinja!







L-Unjoni Ewropea qed timmira li sa 10 snin oħra, kważi kwart (20%) tal-enerġija li tuża tkun nadifa, jiġifieri enerġija mir-riħ, mix-xemx, mix-xmajjar, eċċ. Tgħid jirnexxielha?

Fl-Unjoni Ewropea hemm 27 pajjiż, u minn dawn hemm 21 pajjiż li kkonfermaw li din il-mira se jilħquha jew anke jaqbżuha. Is-sitt pajjiżi l-oħrajn li qalu li mhux se jirnexxielhom huma l-Belġjum, l-Italja, il-Lussemburgu, il-Bulgarija, id-Danimarka... u Malta!

Sfortunatament fejn jidħol l-ambjent, Malta s'issa ma qatgħet xejn figura tajba mal-pajjiżi l-oħra tal-EU.

## Dak il-Poster!

**Tinsiex!**
**Kull darba li ġġedded il-miżata fi Klabb Ħuttaf, aħna nibagħtulek poster bil-kulur tal-għasafar.**








Dawn l-aħbarijiet tajbin biex tużawhom l-iskola fl-attività JUNIOR JOURNALIST (Dinja Waħda)
Dinja Waħda hija kampanja edukattiva ambjentali li qed titmexxa fl-iskejjel primarji minn BirdLife Malta u Bank of Valletta
dinja waħda
BirdLife Malta
BOV Bank of Valletta



## X'Nista' Nara Tgħid?

jikteb **Jason Aloisio**

# Iż-Żanżarell tal-Kullar

**Collared Flycatcher** *Ficedula albicollis*




Il-passa tar-rebbiegħa reġgħet magħna, u għalhekk il-varjetà ta' għasafar f'pajjiżna tiżdied sew. Wieħed mill-għasafar li jidher bħal dażżmien huwa ż-Żanżarell tal-Kullar. Proprjament dan huwa għasfur tal-foresti, għalhekk meta fi triqtu mill-Afrika jgħaddi minn Malta, iħobb iżomm fejn ikun hemm is-siġar, anke ġonna kbar.

L-isem "żanżarell" ġej mill-kelma bit-Taljan *zanzara* li tfisser nemusa. Fil-fatt in-nemus jifforma parti mid-dieta ta' dan l-għasfur. Meta jkun qed ifittex l-ikel jintasab fuq xi fergħa minn fejn ikollu veduta tajba tal-madwar, biex hekk kif jilmaħ xi insett itir, itir warajh u jaħtfu mill-ajru. Aktar iva milli le, jerġa' lura fl-istess post minn fejn ikun tar.

L-ilwien taż-Żanżarell huma l-iswed u l-abjad. Dawn iż-żewġ kuluri sempliċi joħolqu pattern li jolqot l-għajn, speċjalment meta l-għasfur jinqala' minn fejn ikun wieqaf biex itir.

Sakemm ikunu rġiel, bi ftit attenzjoni faċli tagħraf liż-Żanżarell tal-Kullar miż-Żanżarell Iswed, għasfur tal-istess razza. Imma n-nisa jixxiebħu ħafna - kważi fula maqsuma - u diffiċli tagħrafhom minn xulxin.

## spring alive




Fl-1 Frar madwar l-Ewropa tibda attività jisimha **Spring Alive**, li permezz tagħha jinġabar tagħrif dwar il-passa tal-għasafar. M'għandekx għalfejn tkun berdwoċer prim biex tieħu sehem, għax kull ma trid tagħraf huma żewġ għasafar biss: il-**Ħuttafa** u r-**Rundun**.

Biex tieħu sehem għandek ċans sal-31 Mejju. Żomm għajnejk miftuħin għal dawn iż-żewġ għasafar. It-tnejn kumuni fi żmien il-passa u tista' tinzertahom kullimkien, anke qalb il-bini. F'dawn l-aħħar snin bdew ibejtu f'Malta wkoll.

Kif tara l-ewwel Ħuttafa jew Rundun, ħu nota tad-data, idħol fil-websajt **www.springalive.net**, klikkja l-bandiera Maltija, klikkja *Daħħal l-Osservazzjoni Tiegħek* u daħħal dak li tkun rajt. B'hekk tgħin fil-ġbir tat-tagħrif fuq il-passa, u żżid ukoll punt ieħor għal Malta. Is-sena l-oħra Malta ġiet il-11 minn 30 pajjiż.

Il-websajt fiha ħafna tagħrif dwar dal-proġett u hemm stampi u tagħrif biex jgħinuk tagħraf il-Ħuttaf u r-Rundun. Idħol fiha u xi ħaġa interessanti titgħallem żgur.




merlin library
the name in publishing and bookselling since 1964
An unbelievable range of books
to suit all tastes at the best prices
www.merlinlibrary.com
mail@merlinlibrary.com
merlin library
Mountbatten Str. Blata l-Bajda HMR 1575
T: 21 234438
21 221205
F: 21 221135


## Mill-arti ta' PAU





# Min jorqod... u min jgħodd!

Victor Falzon




**F'p.3 qrajna li saret roost count taz-Zakak Abjad u għoddejna 7600 għasfur.**

## X'inhi roost count?

**Roost** hija dak il-post fejn jinġabru annimali li jħobbu jorqdu fi gruppi. Dan jagħmluh daqqa biex isaħħnu lil xulxin, u għax iħossuhom iktar siguri. Fost annimali li jirrustjaw hemm friefet il-lejl u għasafar. In-naturalisti spiss jippruvaw jgħoddu l-annimali, u li tgħoddhom meta jinġabru għall-irqad huwa eħfef milli tgħoddhom meta jkunu mifruxin mal-kampanja. Għalhekk jgħidulha **roost count.**

## Għaliex dejjem iz-Zakak Abjad?



Denis Cachia

Biex tagħmel roost count bis-sens trid issib għasfur li jorqod fi gruppi, u mhux għasfar li jgħixu u jorqdu għal rashom (bħall-Pitirross, per eżempju). Wieħed minn dawk li jħobb il-kumpanija huwa z-**Zakak Abjad**. Ir-roost count li l-BirdLife tagħmel kull xitwa hija ta' dan l-għasfur.

## Hemm għasafar oħrajn?

Iva! Għasfur tajjeb għar-roost counts huwa l-**Għasfur tal-Bejt**, li wkoll fix-xitwa jinġabar f'roosts kbar biex jorqod. Għasfur ieħor tajjeb huwa l-**iSturnell**. Il-BirdLife (u anke Klabb Ħuttaf) ġieli morna ngħoddu dawn l-għasafar. Forsi xi darba nerġgħu nibdew nagħmluhom!

## Għaliex fix-xitwa?

**L-ewwelnett** għax iz-Zakak Abjad fix-xitwa biss jiġi Malta. **It-tieni nett** għax fl-istaġuni l-oħrajn iz-zakak ma jorqodx fi gruppi, għax ikun qed irabbi familja, u jorqod fil-bejta jew viċin tagħha.

## Zizkerija sħiħa!







**Pjazza Assedju** hija dik il-pjazza fil-Belt, quddiem il-qorti. Hemmhekk hemm l-ikbar roost taz-Zakak Abjad fil-Gżejjer Maltin. F'dil-pjazza hemm ftit siġar kbar tal-fikus, u fihom kull xitwa jidħlu jorqdu eluf ta' Zizka Bojod. Minħabba f'hekk dal-post huwa wieħed mill-Important Bird Areas ta' Malta.

## ... u kif issir?

L-ewwelnett trid tkun taf fejn hi r-roost! L-ikbar roost taz-Zakak Abjad f'Malta qiegħda l-Belt Valletta, fi Pjazza Assedju. Biex tagħmel roost count ma tistax tkun waħdek għax trid tkun f'ħafna postijiet fl-istess ħin. Għalhekk niltaqgħu grupp berdwoċers tal-BirdLife, nitqassmu madwar il-Belt b'karti u lapes, u nistennew. Ftit qabel inżul ix-xemx iz-zizka jibdew ġejjin gozz gozz, qatgħa qatgħa, kollha jtiru lejn ir-roost biex jorqdu. U aħna ngħoddu u niktbu. F'temp ta' nofs siegħa z-zizka jkun daħlu kollha, għalhekk il-berdwoċers jieqfu, jinġabru u jagħmlu t-total. Hekk issir roost count. Hija ħaġa ta' gost u fl-istess ħin hija studju serju u xjentifiku.











Il-likeni huma fil-fatt għaqda ta' żewġ ħlejjaq: **fungu** u **alga**. Bejniethom tgħallmu jgħixu f'postijiet fejn pjanti oħrajn mhumiex kapaċi jgħixu.

Għalkemm żgħar, il-likeni għandhom ħajja twila, anke **mijiet ta-snin**. Jikbru bil-mod ħafna, kultant mhux iktar minn xi millimetru fis-sena! Wieħed mill-akbar għedewwa tagħhom huwa t-tniġġiż tal-arja.










# Qxur, xniexel u tbajja'!

*ritratti ta' **Desirée Falzon***

Kultant il-ġmiel u l-varjetà tan-natura tkun taħt saqajna, u nirfsuha aħna u mixjin fil-kampanja! Dawn ir-ritratti juru ftit likeni, pjanti sbieħ immens imma li jikbru baxx ħafna. Hemm likeni li jikbru qishom qxur fuq iz-zkuk, oħrajn qishom tbajja' fuq il-blat. Xi likeni jikbru bħal xniexel mal-friegħi tas-siġar, tant li jgħidulhom Leħjet ix-Xiħ! Il-likeni kapaċi jgħixu f'ambjenti diffiċli ħafna, per eżempju fuq wiċċ mikxuf ta' blata. Immaġinaw blata fix-xagħri kif tkun niexfa u tikwi fix-xemx tas-sajf, u fix-xitwa mikxufa għall-kesħa, riħ, xita, silġ...

F'Malta hawn iktar minn **200 speċi** ta' likeni, imma nies li jifhmu fihom hawn ftit wisq. Tnejn minn dawn huma Jennifer Fiorentino u Edwin Lanfranco, u nixtiequ ngħidulhom grazzi talli għarfulna l-likeni tar-ritratti.

Min jaf, forsi xi membru ta' Klabb Ħuttaf jitħajjar jibda jistudjahom!






# Imxu nimxu mixja!






Il-Mixja Maratona reġgħet magħna! Din waħda mill-iktar ħarġiet popolari mal-membri tal-Klabb, u rari ma naqbżux il-mitt ruħ! Dis-sena ha nippruvaw rotta ġdida. Bħas-soltu nibdew mir-Rabat, imma flok niġbdu 'il fuq ħa niġbdu 'l isfel, u kif taraw mill-mappa ħa nispiċċaw Il-Maqluba, ħdejn il-Qrendi. It-tul huwa l-istess (11km) u t-triq kważi kollha wita jew għan-niżla ħalli ħadd ma jbati. Ma' dil-ħarġa tal-magażin bgħatnielkom ukoll l-karta-sponsor ħalli jekk ikollkom ċans tiġbru xi ħaġa tal-flus ukoll, u forsi tirbħu xi ħaġa wkoll. Fuq il-karta-sponsor stess hemm iktar dettalji.

**Daqshekk paroli! Tlaqna nimxu!**

## dettalji

data
**il-Ħadd 14 Marzu 2010**
niltaqgħu
**taħt is-Saqqajja, ir-Rabat**
ħin
**fit-8.30am - tigux tard!**
naslu l-Maqluba
**xi 12.30pm**
gibu magħkom
**ikel u xorb, il-karta-sponsor u xi flus li tkun ġbartu...**
**u żarbun komdu!**
merħba
**membri* tal-Klabb, familji u ħbieb**

*Membri taħt it-8 snin irid jiġi magħhom adult.

# Meta morna Foresta 2000

tirrapporta
**Jacqueline Licari**

Nhar il-Ħadd 24 Jannar 2010 kellna ħarġa sa Foresta 2000. Iltqajna għal xi 8.30am ħdejn ir-riserva naturali tal-Għadira. It-temp iffavuriena wkoll!

Kif wasalna fid-daħla ta' Foresta 2000 iltqajna mar-rejnġer tal-foresta li qalilna kif fil-foresta tħawlu madwar 19,000 siġra u arbuxell li bis-saħħa tagħhom salvajna n-natura ta' ħafna mill-għolja tal-Marfa. Bdejna mixjin 'il fuq waqt li dan beda jispjegalna fuq il-ħafna pjanti, siġar u arbuxelli li kien hemm, bħal **qaqoċċ selvaġġ**, **fraxxnu**, **narċis**, **silla**, **żnuber**, **ballut**, **riħan**, **alaternu**, **imbrijagla** u **deru**. Dawn l-erbgħa tal-aħħar jagħmlu frott irqiq li jservi ta' ikel bnin għall-għasafar tal-passa.


orkida ħamra

Alex Casha


merill

Denis Cachia

Waqafna u ħadna brejk qasir ħdejn żewġ giren antiki li qabel kienu jintużaw mill-bdiewa biex jerfgħu l-għodda u l-prodotti tar-raba' tagħhom.

Meta erġajna bdejna mexjin rajna pjanti tax-xagħri bħal **għansar**, **fjurdulis** u anki **orkida ħamra**, u smajna u rajna **merill** u **bufula tal-imrewħa**. Komplejna d-dawra ta' Foresta 2000 u ma waqafniex nitpaxxew u nitgħallmu fuq il-flora ta' madwarna. Rajna l-**garni tal-pipa**, **ġeranju**, l-i**spraġ xewwieki**, it-**tengħud ta' Malta** u s-siġra nazzjonali ta' Malta: l-**għargħar**. Mhux bogħod minna rajna anke t-Torri l-Aħmar fuq naħa u veduta spettakolari tar-riserva tal-Għadira min-naħa l-oħra.

Għal darba oħra kienet esperjenza sabiħa li ta' dan nirringrazzja lill-organizzaturi, il-leaders u lir-rejnġer li bil-paċenzja u interess wieġeb għad-domandi tagħna.

Prosit wkoll lill-membri li ġew, u nagħmel kuraġġ lil ħafna tfal oħra biex jiġu dawn attivitajiet mal-familji tagħhom.

Narakom!


imbrijagla

Jacqueline Licari







F'dil-ħarga se nħarsu lejn ambjent differenti ħafna mill-ambjenti kollha li nafu bihom. Nista' ngħidilkom li ħadd minna qatt ma ra dan l-ambjent u ftit hemm ċans li se narawh, għax mhux xi ambjent li tista' tmur tarah f'safra turistika. Mela fejn, fuq il-qamar jew? Le, qed ngħid għall-ambjent madwar il-***hydrothermal vents***.



# Ċumniji f'Qiegħ il-Baħar!

Elisabeth Conrad

## Misħun li jħoll iċ-ċomb

*Vents* huma xquq fil-blat, u *hydrothermal* ġejja minn kliem Grieg li jfisser *ilma* u *sħana*. Hydrothermal vents huma fil-fatt xquq fil-blat minn fejn joħroġ ilma jaħraq ħafna. Dawn ix-xquq insibuhom f'qiegħ il-baħar, spiss f'iktar minn 2000m fond, u qegħdin l-iktar fl-oċeani Paċifiku u Atlantiku.

Dawn il-vents m'ilniex ħafna nafu bihom: instabu biss fl-1979 meta xjenzati kienu qed jesploraw il-fond tal-baħar ġo vettura speċjali jisimha Alvin. Ħdejn il-gżejjer Galapagos raw qishom ċmieni fil-qiegħ li minnhom kien ħiereġ ilma jaħraq - dawn iċ-ċmieni kienu iffurmaw mill-minerali li joħorgu mill-istess xquq. Minn fejn ġew dawn iċ-ċmieni u dak il-misħun ħiereġ minnhom?

Kif forsi tafu, il-wiċċ tad-dinja mhux ħaġa fissa imma magħmul minn blokok kbar ta' blat (jgħidulhom *plates*). Dawn il-blokok jiċċaqalqu bil-mod ħafna, tant li aħna ma nħossuhomx jiċċaqalqu (ħlief meta jieħdu xi skoss u jagħmel terremot!).

Uħud minn dawn il-blokok jersqu lejn xulxin, oħrajn jitbiegħdu, u oħrajn iħokku ma' xulxin. Fl-inħawi bejn il-blokok jiffurmaw muntanji u vulkani, u jiffurmaw ukoll il-*hydrothermal vents*, l-iktar fejn il-blokok ikunu qed jitbiegħdu minn xulxin. Hawnhekk il-lava tkun tielgħa minn taħt il-blokok biex tifforma art ġdida. Minħabba l-lava, il-blat ikun jikwi u l-ilma jisħon sa aktar minn 400°C, biżżejjed biex iħoll iċ-ċomb! Aħna nafu li l-ilma kif jilħaq it-temperatura ta' 100°C suppost li jagħli u jsir fwar, imma bil-pressa kbira ta' dak il-fond l-ilma jibqa' likwidu.

[1]**ekosistema** - grupp ta' annimali u pjanti jgħixu f'ambjent, fejn b'xi mod jew ieħor jiġu bżonn xulxin.

Allura x'għandu daqshekk interessanti dan l-ambjent?

## Lezzjoni fuq il-ħajja

Dan l-ambjent għallimna xi ħaġa ġdida fuq il-ħajja. Għal ħafna żmien konna naħsbu li l-ħajja kollha tad-dinja tiddependi mix-xemx. Imma issa nafu li madwar dawn il-*hydrothermal vents* jgħixu ħafna organiżmi li jieklu bakterji li m'għandhomx bżonn id-dawl tax-xemx. Waqt li l-pjanti jużaw ix-xemx biex jagħmlu l-ikel (ngħidulhom fotosintentiċi), dawn il-bakterji jagħmlu l-ikel tagħhom minn kimiċi li jinstabu madwar dawn ix-xquq (u għalhekk jissejħu kemosintetiċi).

Interessanti wkoll li ħafna minn dil-kimika hija velenuża għall-ħajja f'postijiet oħra, imma hawnhekk issostni komunità sħiħa ta' ħajja!

Bis-saħħa ta' dawn il-bakterji żviluppat [1]ekosistema sħiħa madwar il-ventijiet. Fost dawn hemm diversi ħniex, arzell, nakkri, bebux tal-baħar, gambli, granċijiet u anke ħut. Dawn l-annimali jiffurmaw katina tal-ikel u jgħixu f'dak il-fond tal-waħx u f'dawk id-dlamijiet totali.

Ma ninsewx ukoll li dan l-ambjent għadu wieħed li ftit nafuh, u l-istudjużi dejjem jiskopru speċi ġodda minn madwar dawn il-*hydrothermal vents*. Nistennew żgur aktar skoperti fil-futur.


Dil-qarnita żgħira semmewha Vulcanoctopus!


Granċ jippassiġġa qalb arzell u ħniex fl-inħawi tal-ventijiet.

# Nilagħbu tikka...

ma' Janet u Amy Gerardi





Hawnhekk hawn disinn ta' madum - xogħol ta' Michael LaPalme - magħmul minn ħafna għasafar imdaħħlin f'xulxin. **Kemm hemm għasafar fid-disinn?**

## www.birdinginmalta.com



Tħobb l-għasafar? Mela żur il-websajt **Birding in Malta** għal tagħrif u ritratti fuq l-għasafar ta' Malta, u anke postijiet tajbin għall-berdwoċing. Dil-websajt ħolquha Nicholas Galea u Steve Zammit Lupi, żgħażagħ berdwoċers u membri ta' Klabb Ħuttaf.

# GALLERIJA

Ibagħtulna tpinġijiet u ritratti li tieħdu. Basta tan-natura...



**gawwija rasha kannella**
jeffrey sciberras



**żiemel tal-baħar**
rachel chetcuti 10

Xagħat tal-Baħrija tat-Tengħud



Baħrija tat-Tengħud



ritratti ta' Fabian Micallef (10)



**xewk malti**
chaanah muscat 13



**denfil**
giancarlo azzopardi 9



**nannakola**
paula zammit 8



**farfett**
pia zammit 6





# Messaġġ bil-Kulur

Desirée Falzon

In-natura mimlija kuluri. Imma dal-kuluri tgħid qegħdin biss biex l-annimali u l-pjanti jidhru sbieħ? Xejn minn dan! Jekk nosservaw in-natura mill-qrib, naraw li l-kuluri għandhom xogħol speċjali. Did-darba ħa naqbdu mal-kulur...

## aħdar

Alex Casha



Weraq tal-Ġeranju Komuni

### weraq

Qatt ħsibt għaliex il-pjanti huma ħodor? Għaliex il-weraq mhumiex blu jew suwed? Il-weraq ikun aħdar għax mimli kimika speċjali jgħidulha klorofilla. Il-kelma ġejja mill-kelmiet Griegi *chloros* (= aħdar) u *phyllon* (= werqa) u fil-fatt tkun ħadra. Il-klorofilla qisha fabbrika maġika li tibdel id-dawl tax-xemx f'ikel għall-pjanta. Għalhek meta nkabbru l-ġulbiena fid-dlam għall-Milied, din ma ttellax weraq u tikber bajda u mitluqa. Imma kif toħroġha fid-dawl tibda tiħdar, ittella' l-weraq u l-klorofilla tibda tagħmel l-ikel għall-pjanta.

### frott

Alex Casha



Frott aħdar tal-Ħarrub

Il-pjanti jagħmlu l-frott biex jikluhulhom l-annimali ħalli mbagħad ixerrdu ż-żerriegħa li jkun hemm fil-frott. Meta ż-żerriegħa tkun għadha qed tikber, il-frotta tkun ħadra. Għaliex? Ħeqq, biex ma tantx tkun tidher qalb l-aħdar tal-weraq. Il-pjanta ma jaqblilhiex li l-annimali jiklulha l-frott qabel ma ż-żerriegħa tkun iffurmat sewwa, għax inkella ma jinbtulhiex. B'hekk il-frott jieħu l-kulur meta ż-żerriegha ta' ġo fiha tkun lesta biex tinxtered. Qabel dal-mument, il-frott jibqa' aħdar... u mistoħbi.

### kamuflaxx

Victor Falzon



Il-Kamaleonti famuż għall-kamuflaxx

Ħafna annimali żgħar li faċli jittieklu minn annimali ikbar, huma ħodor biex ikunu kamuflaxx mal-pjanti li jkunu fuqhom. Ħafna minn dawn huma insetti bħad-Debba tax-Xitan, jew ġurati, li huma l-ikel favorit ta' ħafna għasafar! Apparti li l-kulur jaqbel mal-aħdar tal-weraq, dawn iż-żewġ insetti huma twal u rqaq, bħaz-zkuk li jpoġġu fuqhom. B'hekk inqas jidhru mill-predaturi. Kultant il-predatur stess juża l-kulur aħdar għall-istess skop, imma bil-kontra: biex ma jidhirx mill-priża hu u riesaq lejh! Eżempju ta' dawn huma diversi rettili li jgħixu fis-siġar, bħal gremxul, wiżgħat u sriep.

### dawl

Kont taf li hemm annimali jixegħlu? Ħafna minnhom jgħixu fil-baħar u d-dawl li jagħmlu huwa aħdar ileqq. Li hemm tal-ġenn huwa li d-dawl jagħmluh minn ċelloli speċjali f'ġisimhom stess (mhux bħalna li rridu pawer stejxin biex ikollna d-dawl!). Id-dawl ikun ħadrani minħabba l-kimika li tintuża f'dawn iċ-ċelloli. Dan id-dawl l-annimali jużawh għal ħafna affarijiet. Jużawh bħala lixka biex jiġbdu lejhom il-priża, li tara dik il-"bozza" ħadra u tersaq għall-kurżità. Xi annimali tal-baħar joħolqu qisha bużżieqa dawl u meta jersaq predatur lejhom, jitfgħuhielu ħa jħawduh waqt li huma jaħarbu. Xi annimali jużaw ukoll id-dawl aħdar biex jiġbdu s-sieħeb jew sieħba lejhom. Hekk jagħmel per eżempju dak l-insett li ngħidulu Musbieħ il-Lejl.

Joe Sultana



Musbieħ il-Lejl

# Bank of Valletta









## Mid-djarju kulturali ta' Ċikkurillu u Ċikkurilla

Għeżież tfal,

Diġà ntemm l-ewwel xahar tas-sena u probabbli ħafna minna diġa bdejna nwettqu xi pjanijiet li fassalna għas-sena l-ġdida. Billi jien fassalt pjan sabiex nagħmel aktar eżerċizzju, mort sal-BOV ADVENTURE PARK f'Ta'Qali. Tgħidx kemm ġrejt u ddendilt ma' ħbula u min jaf kemm-il darba nżilt iż-żurżieqa. Id-dħul huwa b'xejn u jekk għadkom ma żortuhx aqbżu qabża s'hemm għaliex vera tieħdu gost.

F'Novembru tal-2009 beda jitqassam il-programm ġdid "Dinja Waħda" - programm mimli b'attivitajiet u proġetti għat-tfal ta' kull età. Għalhekk, ejjew flimkien mal-għalliema tagħna, inwettqu l-programm u nagħtu s-sehem tagħna sabiex nipproteġu l-ambjent biex aħna, kif ukoll ta' warajna, ingawduh. Qabel ma nsellmilkom nixtieq infakkarkom li ż-żmien ma jistenna lil ħadd u għalhekk il-ħin użawh sew – studjaw għax dan jgħinna biex niftħu aktar moħħna u ntejbu l-kapaċitajiet tagħna għall-preżent u għall-futur u ilagħbu għax dan sfog għall-kreattività. U meta jaslu l-eżamijiet tibżgħux, ħuduhom bħala sfida li tiftħilna bibien fil-futur.

Għalhekk il-ħsieb tagħna tal-lum hu, li nagħrfu nsibu bilanċ bejn l-istudju u d-divertiment.

Saħħa

Ċikkurillu

BOV
Bank of Valletta
*Impenn lejn is-Suċċess tiegħek*

www.bov.com 2131 2020

BOV 25528

*Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c., 58 Triq Żakkarija, Valletta VLT 1130 - Malta*